MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru 1/2010

**Fl-Atti tar-Rikors**

**Anthony Xuereb**

**Vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

## DIGRIET

Il-Qorti,

Rat ir-rikorsipprezentat mir-rikorrent fil-21 t’Awissu, 2010;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat difensur kif ukoll dak tal-Avukat Generali;

Ikkunsidrat :

Illi din il-procedura giet istitwita ai termini tal-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, fejn ir-rikorrent talab illi jittiehdu proceduri kriminali kontra l-Avukat Chris Said talli xehed falz quddiem Qorti kompetenti fit-termini tal-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali. Din l-allegazzjoni saret abbazi ta' kwerela datata 9 ta' Mejju, 2010 li kienet annessa mar-rikors promatur ipprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).

B'digriet tal-20 t'Awissu, 2010, il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jistitwixxi proceduri kriminali kontra l-Avukat Dr. Said talli ta xhieda falza f'kawza civili fl-ismijiet "Helen Malagan vs Anthony Xuereb" (rikors numru 10/2008).

Ir-rikorrent hassu aggravat minn dan id-digriet u permezz tar-rikors fuq imsemmi tal-31 t'Awissu, 2010 talab lil din il-Qorti illi thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati u minflok tilqa' t-talba tieghu u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jistitwixxi proceduri legali kontra l-kwerelat Dr. Chris Said abbazi tal-kwerela msemmija.

Ikkunsidrat :

L-artikolu 541 fost affarijiet ohra jghid : *"...... u jekk il-Qorti, wara li, meta jinhtieg, tisma' l-provi li jgib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, ssib li prima facie hemm lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela ghandha tilqa' t-talba ......"*

Ir-rikorrent argumenta illi l-Qorti tal-Magistrati marret oltre l-grad ta' prima facie meta dahlet fl-elementi kostitwivvi tar-reat, ikkunsidrathom u waslet ghall-konkluzzjoni illi dak allegat mir-rikorrent ma kienx jammonta ghar-reat imsemmi. Argumenta wkoll illi peress illi l-ligi tesigi grad ta' prima facie, l-provi li r-rikorrent gab f'dak l-istadju kellhom ilahqu biss sa dak il-grad peress li l-kumplament tal-provi kellhom jinstemghu minn Qorti ohra li tikkonsidra l-meritu, haga li ma kienx il-kompitu tal-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat :

Illi huwa minnu illi l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-elementi kostitwivvi tar-reat fil-kuntest tal-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali u semghet ix-xiehda tas-Supratendent Martin Sammut, rat l-istqarrija tal-kwerelat Dr. Chris Said kif ukoll semghet ix-xiehda tar-rikorrent Anthony Xuereb. Fost affarijiet ohra ddikjarat
“ fil-fehma tal-Qorti l-Avukat Said ma kienx korrett meta qal li fis-seduta li saret filghaxija : “.....the Court decided that the baby had to be returned to my client ......” (fol. 49).

Fil-fehma tar-rikorrent din ir-rizultanza kellha tkun bizzejjed biex il-Qorti tordna illi jittiehdu proceduri.

Ikkunsidrat :

Fil-kors tat-trattazzjoni saru diversi sottomissjonijiet mill-partijiet dwar it-tifsira tal-prova prima facie w jidher illi l-aktar hsieb komuni huwa dak illi din il-prova titwassal sal-grad tal-probabilita’ kif normalment tezigi kawza civili.

Din il-Qorti pero’ jidhrilha illi f’dan il-kaz il-grad ta’ prova rikjest huwa anqas minn dak ta’ probabilita’ w taghmel referenza ghall-awtur Blackstone (at D6.21) meta jghid “thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer.”

Ghad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi ghall-“committal proceedings” u cioe’ l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.

Fil-kaz ta’ kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet ( fit-test Ingliz “grounds”) sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.

Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.

Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'R. Vs Codan Qorti Kanadiza meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant is committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".

Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-Blackstone, fejn, skond hu, l-prima facie hija "lower than that resting on applaintiff in civil proceedings".

Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla.

Ghalhekk meta l-Qorti tal-Magistrati rrizultalha li fil-fehma taghha l-Avukat Said ma kienx korrett meta xehed f'seduta quddiem Qorti kompetenti allura f'dan il-kaz kellha tieqaf hemmhekk peress illi dan huwa bizzejjed sabiex il-kaz jigi investigat aktar fil-fond, bil-partijiet moghtija l-opportunita' illi jressqu l-provi kollha taghhom, haga illi fil-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati dan ma nghatax u l-qorti qabdet u ddecidiet il-meritu bil-kunsiderazzjoni tal-elementi kostitwivvi tar-reat minghajr ma tat l-opportunita' fuq imsemmija.

Ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tar-rikorrent, thassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-20 t’Awissu, 2010 u tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex imexxi l-procedura mehtiega skond il-kwerela tad-9 ta’ Mejju, 2010.
Tordna wkoll illi dan id-digriet jigi notifikat lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------